MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali
Laboratorju Veterinarju Nazzjonali
Triq il-Biċċerija, Albertown, Marsa, MRS 1123 - Malta

Verżjoni 1: 30-08-21

# Linji Gwida għar-Raħħala dwar ir-Riċetti Veterinarji, d-Dispensa tal-Mediċina Veterinarja u l-Użu tal-Antibijotiċi.

Is-sezzjoni tal-mediċina veterinarja ħarġet dawn il-linji gwidi fuq ir-rekwiżiti legali u l-prattika tajba ta’ kif għandha tinħareg riċetta veterinarja, fuq id-dispensa tal-mediċini u ż-żamma ta' rekords b’emfasi speċjali fuq l-antibijotiċi. Dawn il-linji gwidi huma l-iżjed intiżi għar-raħħala.

Ir-rekwiżiti legali ħadu sinifikat importanti fil-kuntest tal-fenomenu tar-reżistenza għal-antibijotiċi (*Antimicrobial Resistance* (AMR). Ir-rekwiżiti legali jsiru wkoll biex tkun tista' tingħata l-aħjar kura lill-annimali  filwaqt li jiġu evitati l-effetti ħżiena jekk l-antibijotiċi ma jintużawx kif suppost.

## 1. Riċetta ta' Prodotti Mediċinali Veterinarji

Ir-Regolament 59A ta' L.S 437.47 jikkonċerna lil dawk il-persuni li għandhom id-dritt li jippreskrivu Prodotti Mediċinali Veterinarji (VMPs). F'Malta dawn il-persuni jistgħu jkunu BISS kirurgi veterinarji.

L.S  437.47 ittranspostat d-Direttiva tal-UE 2001/82.

Riċetta veterinarja għal antibijotiċi hija valida għal ħamest ijiem mid-data tal-ħruġ tagħha skont l-Artikolu 105 (10) tar-Regolament UE 2019/4.

2. Riċetta veterinarja hija magħmula minn 4 kopji kkodifikati bil-kulur li l-kirurgi veterinarji jordnaw permezz ta' formola ‘*on-line’*. Huwa ppjanat li sa Novembru 2021 riċetta veterinarja elettronika tkun disponibbli għal dawk li jippreskrivu. Ir-riċetti tal-VMPs u Għalf Medikat mhumiex l-istess rigward il-kontenut tagħhom.  Xorta waħda titħaddem l-istess sistema ta’ kopji mlewmin li tinżamm skond il-persuna kkonċernata.  Għalhekk kull persuna kkonċernata  tista’ żżomm kopja tar-riċetta veterinarja kif spjegat fit-taqsima 4 ta' dawn il-linji gwida fuq l-Għalf Medikat. **Ritratt 1** f’ dawn il-linji gwida juri kif tkun riċetta ta' Prodotti Mediċinali Veterinarji

Tista' tinħoloq sitwazzjoni meta annimal ikollu bżonn jiġi amministrat prodott li suppost joħrog u jingħata biss b'riċetta iżda fejn sfortunatament ir-riċetta ma tkunx tista' tinħareġ malajr. Regolament 79A (A) jipprovdi biex f' din is-sitwazzjoni estrema jew urġenti r-raħħal jista' jamministra dawn il-prodotti mingħajr riċetta veterinarja.

Dan jista' jsir sabiex titnaqqas it-tbatija lill-annimal jew twaqqaf it-tixrid tal-mard.

Huwa rrikomandat li minnufih wara dis-sitwazzjoni estrema jew urġenti ssir il-vista mil-kirurgu veterinarju.

## 3. Mediċina li toħrog biss b' riċetta u dik li tista' toħroġ mingħajr riċetta

L.S 437.47 ġie modifikat biex jinkludi dispożizzjonijiet li jistipulaw il-mod kif VMP jista' jiġi preskritt u distribwit. Dan ġie stipulat permezz ta' kategorazzjoni. Din tissejjaħ '*kategorija tad-distribuzzjoni'* Ċertu VMPs huma kkategorizzati bħala mediċina jingħataw b'riċetta veterinarja biss. Din il-kategorija għandha tkun indikata fuq il-pakkett ta' barra tal-prodott. Il-mod kif din l-indikazzjoni għandha titwassal huwa stipulat ukoll fi L.S 437.47. VMPs oħra li l-użu tagħhom huwa kkunsidrat bħala inqas riskjuż jistgħu jinkisbu mingħajr riċetta veterinarja. Din l-indikazzjoni għandha tkun indikata wkoll fuq il-pakkett ta' barra.

Żidiet importanti oħra jinkludu l-postijiet minn fejn jistgħu jiġu ddispensati VMPs. Dan jiddependi fuq l-imsemmija kategoriji tad-distribuzzjoni. Il-VMPs jistgħu jiġu fornuti minn spiżeriji veterinarji, stabbilimenti veterinarji, ħwienet tal-annimali domestiċi rreġistrati, bejjiegħa bl-imnut tal-prodotti tal-ħut tal-akkwarju rreġistrati u negozjanti tal-għalf approvati. Hawnhekk nisħqu li minn liema stabbilimenti jbiegħu l-VMP jiddependi taħt liema kategorija tad-distribuzzjoni jaqgħu. Pereżempju, ma jista' qatt ikun pemess li VMP li jirrikjedi riċetta veterinarja jiġi fornut minn *'pet-shop'*. Minn *'pet-shop'* jistgħu jiġu fornuti biss VMPs kategorizzati bħala GS.

L-abbrevjazzjonijiet magħżula għal kull kategorija tad-distribuzzjoni huma stipulati f' regolament 60(4) ta' L.S 437.47. Dawn huma: POM-VP, POM-V, OTC, jew GS. Wieħed jista' jirreferi għal liġi nnifisha għal iżjed dettalji biex jifhem it-tifsira ta' kull abbrevjazzjoni.

## 4. Tqassim (jew id-Dispensa) tal-Prodotti Mediċinali Veterinarji

Numru ta' dispożizzjonijiet li għandhom x' jaqsmu mar-riċetta veterinarja u l-għoti tal-VMP ġew introdotti f' L.S 437.47. Enfażi partikolari tingħata għall-użu ta' l-antibijotiċi.

Dawk il-persuni li jfornu l-VMPs ikunu jistgħu jagħmlu mistoqsijiet diliġenti u puntwali lir-raħħala. Għandhom dejjem jispjegaw b'mod ċar u li jinftiehem faċilment kwalunkwe twissija speċifika dwar il-VMP u jagħtu parir dwar id-dożaġġ tal-prodott. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-antibijotiċi fl-aspetti kollha sabiex jitnaqqsu r-riskji tar-reżistenza antimikrobika. Għandu jkun hemm kollaborazzjoni mill-qrib bejn minn iforni l-mediċini u l-kirurgi veterinarji. Kwalunkwe nuqqas ta' ftehim għandu jiġi solvut. Kwalunkwe nuqqas ta' qbil għandu jiġi diskuss fuq bażi xjentifika. Dan huwa partikolarment importanti fejn jidħlu antibijotiċi hekk msejħa 'kritiku'. Skond ir-Regolament 59 (9) il-fornitur tal-VMPs għandu jkun sodisfatt li ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'dawn il-każijiet.

## 5. Riċetta veterinarja tal- Għalf Medikat

Il-kirurgi veterinarji għandhom jippreskrivu Għalf Medikat fuq il-riċetta veterinarja tal-Għalf Medikat li huma pprovduti mis-servizzi veterinarji.

Tista' tgħid li l-Għalf Medikat li jintuża f' Malta hu dak li jkollu fih l-antibijotiċi. Allura dan is-suġġett huwa ta' importanza, speċjalment għal min irabbi l-majjali u l-fniek. F'dawn l-ispeċi jintuża ħafna għalf medikat f'Malta.

Il-quddiem ir-riċetti jistgħu jibdew ikunu f'forma elettronika. Ir-riċetta veterinarja stampata ta' bħalissa trid timtela bil-linka, bl-użu ta' ittri kbar u b'kitba li tinqara. Bħalissa din ir-riċetta (kemm tal-għalf Medikat u VMPs) tikkonsisti f'4 kopji: bajda, safra, kaħla u roża. It-timbru tal-kirurgu veterinarju

jew l-isem sħiħ u n-numru ta 'reġistrazzjoni f'ittri kbar għandhom jitpoġġew fuq kull kopja tal-formola tar-riċetta.

1. Il-kopja oriġinali bajda għandha tinżamm mill-manifattur / distributur / kummerċjant / spiżerija

2. Il-kopja safra għandha tinżamm mill-bidwi / produttur

3. Il-kopja kaħla għandha tintbagħat lis-Servizzi Veterinarji

4. Il-kopja roża għandha tinżamm mill-kirurgi veterinarji

Il-kontenut ta' fuq ir- riċetta huwa ddettat mir-Regolament 8 (1) ta' L.S 437. 73 (Regoli dwar il-Kundizzjonijiet li jirregolaw il-preparazzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' Għalf Medikat). Kampjun tar-riċetta huwa muri fl-Iskeda I tal-istess L.S 437. 73. (**Ritratt 2**)

L.S 437. 73. ittranspostat d-Direttiva tal-UE 90/167/KE.

Parti A tar-riċetta veterinarja timtela mill-kirurgi veterinarji. Il-Parti B timtela mill-manifattur jew mid-distributur awtorizzat. Ir-riċetta trid tkun disponibbli f'kull ħin għas-Servizzi Veterinarji waqt l-ispezzjonijiet uffiċjali. Ma tistax tintuża l-istess riċetta għal aktar minn trattament wieħed.

Ir-riċetta tista' tintuża biss għal annimali ttrattati mill-kirurgi veterinarji. Il-kirurgi veterinarji għandhom ikunu sodisfatti li l-użu tal-Għalf Medikat huwa ġġustifikat għall-ispeċi kkonċernata, l-amministrazzjoni mhijiex kompluta jew inkompatibbli ma' trattament preċedenti u li m'hemm l-ebda kontra-indikazzjoni jew interazzjoni bejn taħlitiet minn qabel medikati differenti.

Il-kirurgi veterinarji għandhom jippreskrivu l-kwantitajiet meħtieġa għat-trattament. Bħalissa huwa possibbli biss li timmanifattura Għalf Medikat biss b'riċetta veterinarja. Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/4 fit-22-01-23 ikun possibbli li jiġi manifatturat Għalf Medikat mingħajr riċetta taħt ċerti ċirkostanzi. (Artikolu 8). Din tissejjaħ 'produzzjoni antiċipata' u hija dispożizzjoni maħsuba biex tibda t-trattament tal-annimal malajr kemm jista' jkun ħalli l-marda tal-annimal ma tigravax.

L-istess bħal meta jintuża prodott mediċinali veterinarju, għandu jingħata perjodu ta' tiżmim xieraq mill-kirurgi veterinarji.

Konsiderazzjoni importanti hija li jiġi żgurat li l-għalf Medikat ma jkunx fih koċċidjostat li jkun miżjud f'xi għalf ieħor li jista' jkun qed jingħata lill-istess annimali.

Għalf Medikat m'għandux ikun fih sustanzi b'effett ormonali jew tirostatiku skond id-Direttiva 96/22 / KE. L-amministrazzjoni tagħha hija wkoll soġġetta għall-kontrolli tad-Direttiva 96/23 / KE rigward il-monitoraġġ ta' residwi fi prodotti ta' l-annimali.

Il-manifattur għandu jqis li r-riċetta hija valida għal perjodu li ma jaqbiżx it-3 xhur u li din tista' tintuża darba biss. Kull kopja tar-riċetta għandha tinżamm għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin mid-data li tinħareġ. Ir-riċetta trid tkun disponibbli f'kull ħin għas-Servizzi Veterinarji waqt l-ispezzjonijiet uffiċjali.

Bħalissa riċetta veterinarja mħejjija minn kirurgi veterinarji li jaħdmu fi Stat Membru ieħor tal-UE mhijiex valida f' Malta. Bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/4 fit-22-01-23 ir-riċetta veterinarja tista' tiġi rrikonoxxuta bejn kull Stat Membru tal-UE.

## 6. Żamma ta' Rekords mir-Raħħal

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali
Laboratorju Veterinarju Nazzjonali
Triq il-Biċċerija, Albertown, Marsa, MRS 1123 - Malta



Skond ir-regolament 62 għandu jkun hemm sistemi biex jassiguraw li r-raħħala jipprovdu evidenza ta' xiri, pussess u amministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji għal ħames snin wara l-amministrazzjoni tagħhom.

L-evidenza ta' xiri jew pussess tista' titħalla billi r-raħħal iżomm l-ircevuti jew il-fatturi (*invoices*) f' postijiet fejn jistgħu faċilment jinstabu. Dawn jistgħu jkunu kemm b'forma stampata jew elettroniċi. Dawn għandhom jinżammu dejjem b' mod organizzat (per eżempju bl-użu ta' '*paper-binders*).

L-evidenza ta' amministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji tist' titħalla billi r-raħħal iżomm rekords ta' kull darba li annimal jingħata l-mediċini, inkuż vaċċini. Dawn ir-rekords irid ikollhom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data;

(b) isem il-prodott mediċinali veterinarju;

(c) kwantità;

(d) l-isem u l-indirizz tal-fornitur tal-mediċina jew prodott;

(e) identifikazzjoni tal-annimali ttrattati.

Kotba uffiċjali stampati jew elettroniċi ta' dawn ir-rekords jistgħu jingħataw mis-Servizzi Veterinarji.

Dawn għandhomjinżammu f'post addattati fir-razzett u immedjatament aċċessibbli waqt spezzjoni mis-Servizzi Veterinarji.

Biex jilħaq l-iskop ta' dawn ir-regolamenti s-Servizzi Veterinarji fassal sistemi u proċeduri sabiex jassigura li dawn id-dmirijiet mir-raħħala jiġu mwettqa. Dawn is-sistemi jinkludu spezzjonijiet u awditjar tal-irziezet u d-dokumenti.

Barra minn hekk, skond regolament 79A (4), hemm obbligu direttament fuq ir-raħħal biex dan iżomm prova ta' kif inġiebu l-prodotti kollha amministrati, jew li qed jinzammu fir-razzett sabiex jiġu amministrati fil-futur, lillannimali. Dan jgħodd kemm il-prodotti jkunu mixtrija jew miġjuba b' xi mod ieħor.

Ir- raħħal għandu jiftakar li l-vaċċini huma mediċini wkoll u huma inkużi fl-iskop ta' dan ir-regolament.

Fejn jidħlu l-antibijotiċi huwa partikolarment importanti li jinżammu dawn ir-rekords. Il-veterinarju u anke l-professjonist responsabbli msemmi f'Regolament 79(2) kapaċi jintebħu b'ċertu xejriet li jkunu qed jiżviluppaw fir-razzett u jieħdu azzjoni f'waqta.

## 7. Użu tajjeb tal-Antibijotiċi skond Regolamenti ta' L.S 437.47

Fl-LS 437.47 hemm għadd ta' definizzjonijiet ġodda fejn jidħlu l- antibijotiċi. Fosthom hawn dawn it-tlieta importanti (Regolament 2) rigward l-Użu tal-antibijotiċi:

- Użu preventiv tal-antibijotiċi
- Użu tal-metafilassi
- Użu fl-amministrazzjoni profilattika

M'għandux ikun hemm <u>użu preventiv tal-antibijotiċi.</u> Dan ifisser li l-antibijotiċi m' għandhomx jinghataw lill-annimali biex jipprevjenu infezzjonijiet li jiġu minħabba prattika ta' trobbija tal-annimali mhux adegwata.

Hemm ċertu sitwazzjonijiet fejn somministrazzjoni taprodott mediċinali veterinarji lil grupp ta' annimali hi permessa minkejja li dawn kapaċi ma jurux sinjali ta' mard.

Din tista' ssir biss wara dijanjożi li tistabbilixxi li tabilħaqq marda klinika teżisti f'parti mill-grupp. Dan isir bil-għan li jiġu trattati l-annimali klinikament morda u jiġi kkontrollat it-tixrid ta' din il-marda f'annimali f kuntatt mill-qrib u li jinsabu f'riskju u li jistgħu jkunu diġà sub-klinikament infettati. Użu tal-antibijotiċi b'dal mod jissejjaħ "<u>metafilassi".</u>

Annimali jkunu sub-klinikament infettati meta s-sinjali tal-mard ma jkunux qed jidhru għalkemm dawn xorta jkunu nfettati. Annimali sub-klinikament infettati xorta jistgħu jinfettaw lil bqija.

Hemm ċertu sitwazzjonijiet oħra fejn l-annimali ma jurux sinjali ta' mard u tabilħaqq jistgħu ma jkunux infettati jew diġà sub-klinikament infettati. Jista' jiġri li minkejja l-isforzi kollha, ir-raħħal ma' jkunx jista' jwaqqaf l-okkorenza tal-mard. Għalhekk jiġu amministrati prodott mediċinali veterinarji lil annimal jew grupp ta' annimali qabel ma jkun hemm sinjali kliniċi ta' mard, sabiex tiġi evitata l-okkorrenza ta' mard jew infezzjoni. Din tista' tiġri wkoll qabel xi operazzjoni jew intervent. Użu tal-antibijotiċi b'dan il-mod tissejjaħ 'Amministrazzjoni profilattika'.

Mhux sempliċi biex wieħed jiddistingwi bejn dawn il-tliet użi tal-antibijotiċi. Għalhekk għandu dejjem ikun hemm il-professjonist responsabbli msemmi f' Regolament 79(2) ħalli premezz tal-programm xieraq ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali jkunu jistgħu jittieħdu d-deċizjonijiet xierqa.

Hemm bosta Regolamenti fil-LS 437.47 li jitkellmu fuq kif kirurgu veterinarju għandu jikteb riċetta veterinarja u x'għandu jagħmel qabel jikteb antibijotiku. Ħriġna linji gwida apposta fuq hekk intiżi għal kirurgi veterinarji imma li jistgħu jinqraw minn kullħadd ukoll.

Fejn jirrigwardja lir-raħħal se nsemmu Regolament 79(A) li jitkellem kif il-ħażna tal- antibijotiċi f'razzett biex jiġu amministrati fi stadju aktar tard mhijiex permessa.

## 8. **Miżuri biex jitnaqqas l-użu tal-Antibijotiċi fir-Razzett u jintużaw tajjeb**

- Għandhom jintużaw l-antibijotiċi biss wara li l-kirurgu veterinarju jkun eżamina l-annimali u kiteb l-antibijotiċi fuq riċetta veterinarja. Għandhom jinġiebu biss minn stabbilimenti approvati skond il-liġi.

- It-trattament bl- antibijotiċi għandu jingħata kollu. Mhux sewwa li r-raħħal jieqaf jagħti l-antibijotiċi u ma jispiċċax il-kwantitajiet kollha fiz-żmien

stipulatat mill-kirurgu veterinarju, anke jekk fid-dehera l-annimal jidher li jkun fieq.

- M'għandhomx jinqabżu dożi u l-intervalli bejn doża u oħra għandhom jinżammu kif stipulat mil-kirurgu veterinarju.

- M'għandhomx jintużaw antibijotiċi skaduti. Dawn għandhom jintremew kif suppost f' '*bins*' apposta fejn dawn huma disponibbli. Fil-futur hu maħsub li dawn ikunu disponibbli wkoll minn spiżeriji veterinarji.

- M'għandhomx jintużaw siringi użati. Għandha dejjem tintuża waħda ġdida għal kull annimal.

- Importanti li bħal kull medicina oħra l-antibijotiċi jinħażnu sew. M' għandhomx jinżammu fix-xemx, fis-sħana jew fejn hemm ħafna umdità. Jista' jkun  hemm bżonn, li jinħażnu fil-friġġ.

- Fejn huwa possibbli għandhom jintużaw prodotti li mhumiex mediċinali, bħal '*probiotics'* u '*pre-biotics'*. Dawn isaħħu l-ġisem tal-annimal u jżidu r-reżistenza għall-mard billi jkattru l-mikrobi 'tajba' fl-annimal.

- Għandhom jintużaw il-vaċċini. Dawn jgħinu biex l-annimali jkunu jifilħu iżjed għall-mard u hekk jintużaw inqas antibijotiċi. Għandhom jintużaw dejjem skond l-iskeda tagħhom u maħżuna sew fit-temperatura indikata. Jista' jkun  hemm bżonn, li jinħażnu fil-friġġ.

- Għandhom jitrabbew razez  li jkunu addattati għall-klima u l-ambjent ta' Malta. Dan jgħin biex l-annimali fl-irziezet ikunu iżjed ta' stoffa.

- L-annimali għandhom dejjem jingħataw dieta bilanċjata skont l-età jew il-kundizzjoni tagħhom (eż. żgħar ta' ftit jiem, qrib il-qatla). In-nutrizzjoni tal-annimal għandha tkun ibbilanċjata u l-għalf għandu jinżamm il-bogħod mill-umdità u l-kontaminazzjoni.

- L-ambjent fir-razzett kif ukoll fl-inħawi tal-madwar għandu jinżamm dejjem nadif b'tindif regolari u użu ta' diżinfettanti approvati.

- Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex ma jiddaħħalx mard fir-razzett min-nies li jidħlu fir-razzett jew anke mir-raħħal stress, jew mill-familja tiegħu.

- Iż-żgħar għandhom jinfatmu minn ommhom tard kemm jista' jkun . Il-ħalib tal-omm ikun mimli b'qishom sustanzi naturali (*antibodies*) li jipproteġu kontra l-mard. Barra minn hekk il-wens tal-omm inaqqas l-istress fiż-żgħar.

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali
Laboratorju Veterinarju Nazzjonali
Triq il-Biċċerija, Albertown, Marsa, MRS 1123 - Malta

Verżjoni 1: 30-08-21

RITRATT 1: **Riċetta veterinarja tal- Prodotti Mediċinali Veterinarji**

PRESCRIPTION FOR MEDICINES FOR FOOD-PRODUCING ANIMALS AND FOR NARCOTIC AND PSYCHOTROPIC MEDICINES FOR ALL ANIMALS

| **PART 1. TO BE FILLED IN BY THE PRESCRIBING VETERINARIAN** | | | | | | **Prescription Number:** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Name and Surname of the animal(s)' owner: | | | | | | |
| Address where the animals are kept, and Churn/ Tattoo/Stable/Farm Number : | | | | | | |
| Condition requiring the medicine:<br>*(include note if applying the cascade principle)* | | | | | | |
| Name of medicinal product * | Quantity | Route | Withdrawal Period | | | |
| | | | Eggs | Meat | Milk | |
| 1. | | | | | | |
| 2. | | | | | | |
| 3. | | | | | | |
| Species, Race, Category and Weight of animal(s) *(use other prescription(s) if different)* | | | | | | |
| Stamp, Tag(s)/Tattoo/Microchip/Batch-Flock<br>*(use another prescription if more space is required)* | Medicine *<br>*(choose the correct number from shaded cells above)* | Sex M/F | Age/ weight | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| Signature of Veterinarian: | Date of prescription: | Stamp and Registration No: | | | | |

| **PART 2. TO BE FILLED IN BY THE DISPENSING PHARMACIST** | | |
|---|---|---|
| Name of medicinal product dispensed: | | Quantity dispensed: |
| 1. | | |
| 2. | | |
| 3. | | |
| Name of Pharmacy: | | |
| Signature of Pharmacist: | Date of dispensing: | Stamp and Registration No: |

| **PART 3. TO BE FILLED IN BY THE ANIMAL(S)' OWNER** |
|---|
| Signature: |

Verżjoni 1: 30-08-21

## RITRATT 2: **Riċetta veterinarja tal- Għalf Medikat**

**VETERINARY PRESCRIPTION FOR THE PREPARATION OF MEDICATED FEEDINGSTUFFS**

| PART A: TO BE COMPLETED BY THE PRESCRIBING VETERINARIAN | | | |
|---|---|---|---|
| Name of veterinarian | | | |
| Address (residence / clinic) | | Post-code | |
| Name and address of business manufacturing or supplying the medicated feedingstuff | | Post-code | |
| Name and address of stockfarmer or holder of animals / Churn no. / stamp / stable no | | Post-code | |

| Identification and number of animals being treated | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Number | Species | Stamp / Tag / Tattoo / Microchip | Breed | Sex | Category |
| 1. | | | | | |
| 2. | | | | | |
| 3. | | | | | |

| | |
|---|---|
| Disease to be treated *(indicate if cascade principle applied)* | |
| Authorisation number of the medicated premix | |
| Quantity of medicated feedingstuff in kilograms | |
| Special instructions for the stockfarmer or holder of the animal(s) | |

| Pecentage of medicated feedingstuff in the daily ration | Frequency of treatment | Duration of treatment in days | Withdrawal Period | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Eggs | Meat | Milk |
| 1. | | | | | |
| 2. | | | | | |
| 3. | | | | | |

| Date when prescription was issued | | | Signature of veterinarian | Stamp and Registration Number of veterinarian |
|---|---|---|---|---|
| Day | Month | Year | | |
| | | | | |

| PART B: TO BE COMPLETED BY MANUFACTURER OR AUTHORISED DISTRIBUTOR | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Prescription presented on | Day | | Month | | Year | |
| Date of delivery | Day | | Month | | Year | |
| To be used before | Day | | Month | | Year | |
| Signature and Stamp of manufacturer or supplier | | | | | | |